31976R0142

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEFA, KEE, EURATOM) Nru 142/76
ta' l-20 ta' Jannar 1976
li jemenda r-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-membri tal-Kummissjoni u tal-President, Imħallfin, Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi skond l-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura adottati mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 1974 il-Presidenti ta' l-Awli u Prim Avukat Ġenerali huma nominati mill-Qorti kull sena;

Billi skond il-kondizzjonijiet tar-regolamenti fis-seħħ fil-mument il-Presidenti ta' l-Awli tal-Qorti jirċievu *allowance* għal dmirijiet speċjali u din l-*allowance* għandha tingħata wkoll lill-Prim Avukati Ġenerali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967, li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-membri tal-Kummissjoni u tal-President, Imħallfin, Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1546/73 [2], għandhom jiġu inklużi l-kliem "u l-Prim Avukat Ġenerali" wara l-kliem "L-Imħallfin li jippresiedu fl-Awli tal-Qorti" b'effett mill-1 ta' Jannar 1975.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Jannar 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

G. THORN

---

[1] ĠU No 187, tat-8.8.1967, p. 1.
[2] ĠU No L 155, tal-11.7.1973, p. 8.